MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Rikors Numru. 74/2010

**Alfred Farrugia u Chun Qing Xia Farrugia**

**-vs-**

**(1) Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer, u**
**(2) Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu l-atturi premettew:

Illi t-tieni rikorrenti hija Ċiniża u waslet Malta qabel Ottubru 2003. Hija għandha passaport Ċiniż li jġibu n-numru 79955334.

Illi f'Ottubru 2003 iż-żewġ rikorrenti ltaqgħu hawn Malta u wara perjodu ta' tħejjija u koabitazzjoni huma żżewġu fit-2 ta' Frar 2006. Iż-żwieġ tagħhom kien riżultat ta' affett bejniethom.

Illi għal xi żmien ir-rikorrenti telqet minn Malta u marret lura f'pajjiżha, iżda wara sentejn hija ġiet lura Malta.

Illi r-rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia kellha permess li setgħet tibqa' Malta sat-22 ta' Settembru 2010.

Illi r-rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia qalet lil żewġha r-rikorrent Alfred Farrugia li hija xtaqet twaqqa' l-kawża ta' annullament numru 382/2009 fl-ismijiet **"Dr Gillian Portelli nomine vs Alfred Farrugia"** pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u terġa' tingħaqad miegħu ħalli jkomplu jgħixu l-ħajja matrimonajali bejniethom.

Illi minħabba *'overstaying'* ġewwa Malta, it-tieni rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia ġiet arrestata nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2010 mill-Ispettur tal-Pulizija Nazzarene Grixti, li ddikjara ma' żewġha ċjoe' r-rikorrent Alfred Farrugia illi martu kienet ser titneħħa minn Malta fil-jum tat-30 ta' Novembru 2010 wara nofsinhar u tintbagħat lura lejn pajjiżha.

Illi r-rikorrent Alfred Farrugia la jridha tibqa' arrestata, la jrid jinfired minn magħha uu lanqas irid li tintbagħat barra minn Malta minħabba *'overstaying'*. Għall-kuntrarju, huma t-tnejn iridu jerġgħu lura ma' xulxin bħal qabel sabiex ikomplu jgħixu l-ħajja matrimonjali bejniethom.

Illi r-rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia qatt ma kellha inċidenti mal-Pulizija u dejjem għarfet iġġib ruħha sewwa.

Illi peress li t-tieni rikorrenti ilha tgħix hawn Malta minn qabel Ottubru 2003 sallum ħlief għal perjodu ta' sentejn li fih hija marret lura f'pajjiżha, u l-kondotta tagħha hija nadifa u qatt ma kellha inkwiet mal-Pulizija, l-esponenti hija intitolata għal *Long term residence*, li tingħata lil *Third*

*Country Nationals* wara li jkunu ilhom ħames (5) snin jgħixu f’Malta b’kondotta tajba.

Illi r-rifjut tal-Pulizija li jħalluha tibqa’ tgħix f’Malta flimkien ma’ żewġha u t-tneħħija tagħha minn Malta jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Liġijiet) li jiggarantixxi d-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, kif ukoll vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi d-dritt għall-ħarsien minn trattament inuman jew degradanti.

Illi f’Malta hawn ħafna Ċiniżi, persuni fl-istess ċirkostanzi bħal tagħna ma sabux l-istess tfixkil biex jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom jew biex ikomplu jgawdu tali jeddijiet. Illi b’riżultat ta’ dina d-diskriminazzjoni, ir-rikorrenti ġiet assoġġettata għal trattament li persuni ta’ deskrizzjoni oħra simili ma ġewx suġġetti għalih, u lanqas ġew arrestati u avżati li sejrin jitneħħew minn Malta.

Illi għalhekk, fil-konfront tat-tieni rikorrenti qed jiġi vvjolat l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba razza, post ta’ origini, opinjonijiet politiċi, kulur jew fidi *“li minħabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjoni li persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn”*.

Għaldaqstant l-esponenti Alfred Farrugia u Chun Qing Xia Farrugia jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tal-imsemmija drittijiet fondamentali tar-rikorrenti:

(1) tiddikjara ili l-aġir tal-Pulizija illeda u qed jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, u ċjoe’ l-artikoli 8 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitoli 319) u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta,

(2) tordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jirritorna l-passaport lit-tieni rikorrenti,

(3) tordna lill-intimati sabiex jirtiraw kull azzjoni għat-tneħħija minn Malta li qed tittieħed kontra t-tieni rikorrenti, u

(4) tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer u Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs, u l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-15 ta' Diċembru 2010, li permezz tagħha eċċepew:

Illi t-talbiet rikorrenti huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Illi għal kull bwon fini, l-esponenti, Avukat Ġenerali, qed jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors *stante* illi ma jirriżultax li l-istess Avukat Ġenerali qatt ġie effettivament notifikat;

Illi għandu jingħad li r-rikorrenti, Chun Qing Xia Farrugia, kuntrarjament għal dak ddikjarat hi stess fir-rikors, fil-fatt ġiet mitluqa titlaq min dawn il-Gżejjer, u mhux telqet min rajha u fil-fatt telqet fit-30 ta' Novembru 2008;

Illi għandu jirriżulta li anke l-allegazzjoni li hi kella visa biex tibqa' Malta sat-22 ta' Settembru ma jirriżultax veritier peress illi hi kellha visa li applikat għaliha fit-22 Lulju 2010, fil-fatt ngħatat visa għal tletin ġurnata fuq talba li kellha tattendi xi seduti l-Qorti bħala xhud, u mhux kif qed tallega hi fir-rikors tagħha;

Illi fil-fatt hi ġiet Malta fid-19 ta' Awissu 2010 u kellha titlaq fis-17 ta' Awissu 2010 u mhux kif indikat fir-rikors, u ċjoe' fit-22 ta' Settembru 2010;

Illi fir-rigward tal-kawża tal-annullament bejn ir-rikorrenti, għandu jingħad li din għadha għaddejja u f'ebda ħin ma deher jew irriżulta li bejn ż-żewġ rikorrenti seta' kien hemm xi tip ta' rikonċiljazzjoni;

Illi tant hu hekk li r-rikorrent saħansitra kellhom xi jgħidu bejniethom, saħansitra fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija;

Illi għandu jiġi ribadit ta' dak li ntqal fir-rikors fir-rigward ta' *overstaying*, ir-rikorrenti, chun Qing Xia Farrugia, tant aċċettat li tiġi mneħħija minn Malta li lanqas biss appellat mill-Ordni tat-Tneħħija li ħarġet fil-konfront tagħha, kif kellha dritt li tagħmel;

Illi minbarra hekk, ir-rikorrenti, Chun Qing Xia Farrugia, saħansitra ffirmat dikjarazzjoni sabiex tkun tista' tirrinunzja l-perijodu tal-appell li kellha favur tagħha skond il-liġi;

Illi għaldaqstant għandu jirriżulta li r-rikorrenti ma eżawrietx r-rimedji ordinarjai li tagħtiha l-liġi u dan r-rikors għandu jirriżulta bħala ntempestiv;

Illi l-pożizzjoni tal-esponenti huwa biss li r-rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia, tirregolarizża ruħha bil-liġi u sabiex dan issir, jeħtieġ li l-istess rikorrrenti twaqqa' l-kawża tal-annullament u terġa tapplika mill-ġdid sabiex tinħarġilha visa mill-ġdid;

Illi huwa assolutament mhux minnu li r-rikorrenti qatt ma kellha nċidenti mal-Pulizija, anzi għandu jirriżulta li fil-fatt kien hemm tlett rapporti li jikkonċernaw lilha;

Illi effettivament hi qatt ma tista' tibbenefika mill-*long term residence* minħabba li hi kienet qed tgawdi *'exempt person's status'*;

Illi għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-konvivenza bejn ir-rikorrenti m'għadhiex teżisti u minħabba f'hekk kienu jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiex l-esponenti jaġixxi a bażi tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aħħar tkeċċija tagħha li saret minħabba l-fatt li hi kellha visa skaduta u l-persuna li kien qed jiggarantixxi għaliha, ċertu Reno Micallef, kiteb ittra *tramite* l-Konsulent Legali tiegħu, fejn nforma lill-istess esponenti ili hu

m'għandux jitqies iżjed bħala l-persuna li qiegħed jiggarantixxi għar-rikorrenti, Chun Qing Xia Farrugia;

Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet rikorrent bl-ispejjez kontra tagħhom.

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali; komprizi n-noti ta' sottomissjonjiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ċar mill-espożizzjoni tal-fatti kontenuti fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom meta r-rikorrenti Chun Qing Xia ġiet deportata minn Malta f'Ottubru 2010. Għandu jingħad li minn meta ġiet intavolata l-kawża hija reġgħet ġiet Malta u reġgħet qed tgħix ma' żewġha, ir-rikorrenti l-ieħor.

Illi mill-provi mressqa jidher ċar li fiż-żmien li r-rikorrenti ġiet imneħħija minn Malta, hija kellha diversi problemi serji ma' żewġha tant li hija stess istitwiet kawża kontra tiegħu (fl-ismijiet **"Dr Gillian Portelli nomine vs Alfred Farrugia"**) fejn talbet dikjarazzjoni li ż-żwieġ kien null u kienet anke għamlet żmien tgħix ma' ħaddieħor.

Illi l-Ispettur Nesron Grixti illi ssemma fir-rikors promotur xehed fit-tul u spjega li fil-mument li kienet qed tiġi deportata, r-rikorrenti kienet *'overstaying'* f'Malta, għaliex kellha permess tibqa' f'Malta sa' Settembru. Dan ġie konfermat mix-xhud Joseph Mizzi mid-Diviżjoni tal-Immigrazzjoni. Għaldaqstant, peress li rriżulta li hija ma kenitx għadha tgħix ma żewġha, il-Pulizija kellha tordnalha titlaq minn Malta.

Illi r-rikorrenti jindikaw li fil-konfront tagħhom ġew miksura l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u allura d-dritt għall-

**ħajja privata u għall-ħajja tal-familja** u Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li jiġġarantixxi d-dritt għal ħarsien minn **trattament inuman u degradanti**. Qed jallegaw ukoll illi ġew **diskriminati kontra** *ai termini* tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Illi ma hemm ebda dubju kif ġia' ngħad li r-rikorrenti kellhom problemi familjari serji bejniethom u kontrarjament għal dak li qed jgħidu fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati kellhom kull dritt li jaslu għall-konklużjoni li ż-żwieġ kien biss paraventu biex ir-rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia tkun tista' tibqa' tgħix Malta; mir-rapporti lill-Pulizija li għamel l-istess rikorrent, jidher anzi li f'mument minnhom tant kien imdejjaq bil-komportament tagħha li talab hu stess li hija tiġi deportata; dan l-aktar meta hija għamlet xi żmien tgħix ma' terz li ssemma fil-proċeduri. Ir-rikorrent f'mument minnhom talab li hija l-ewwel tintbagħat l-Isptar Monte Carmeli għaliex l-atteġġjament tagħha fil-konfront tiegħu kien tant vjolenti li beda jsejħilha *"paranojka"*. L-intimati, dan ma kienx jinteressahom għaliex kif sostnew ir-rikorrenti, bdew jidħlu fil-ħajja familjari tagħhom, iżda peress li t-terz imsemmi kien qed jiġġarantixxi għar-rikorrenti waqt li hija kienet Malta u huwa rtira dik il-garanzija (naturalment meta r-relazzjoni bejniethom intemmet ukoll) l-intimati aġixxew *entro* l-parametri legali meta huma ddeċidew li jiddeportawha minn Malta. Kien f'dan il-mument, illi r-rikorrent li fil-fehma tal-Qorti ġenwinament jixtieq jibqa' jgħix ma' martu, ra l-opportunita' li jerġa' jiġborha miegħu u beda dawn il-proċeduri; sakemm ġiet appuntata l-kawża din id-deportazzjoni ġiet effetwata u fil-mori tal-proċeduri laħqet ġiet lura.

Illi l-Qorti wara li semgħet anke lir-rikorrenti, ma hix daqshekk konvinta li l-istess rikorrenti Chun Qing Xia Farrugia hija daqshekk entużjasta tgħix ma' żewġha iżda żgur trid illi akkost ta' kollox ma terġax tmur lura pajjiżha. (Jista' jkun li l-istat mentali tagħha anke tenut kont ta' dak li għaddiet minnu f'ħajjitha ma hux dak li għandu jkun). Għalhekk għalkemm naturalment mhux kompitu ta' din il-Qorti li tissindika l-ħajja familjari tar-rikorrenti, il-Qorti taqbel ma' dak li qed jgħidu l-intimati li fil-mument li ġiet

deċiża d-deportazzjoni kellhom kull raġuni li jieħdu dik id-deċizjoni – ma hemmx kwistjoni li dak iż-żmien ir-rikorrenti ma kienux qed jgħixu flimkien bħala miżżewġin u allura skond il-Kap. 217 (Artikolu 4.1.g) tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti ma setgħetx tkompli tgawdi mill-benefiċċi tal-istess liġi. L-awtriċi **Ursula Kilkelly**, fil-manwal, **A guide to the implementation of Article 8 of the European Convention on Human Rights**, tgħid illi *"The protection of article 8 always extends to marriages, which can be shown to be lawful and genuine. Those lacking substance or existing only in form, such as a sham marriage entered only for the purposes of avoiding immigration rules or acquiring nationality may thus fall outside the scope of article 8."* (paġna 16). Fil-każ odjern, mhux talli l-intimati kellhom kull raġun jaħsbu li dan kien il-każ iżda addirittura l-istess rikorrenti kienet istitwit kawża biex tiddikjara null iż-żwieġ!

Illi fir-rigward tal-lanjanza li kien hemm trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrenti il-Qorti ma taqbilx li kien il-każ. L-intimati riedu jesegwixxu l-ordni li kienet ingħatat – li kienet għal kollox leġittima – u bil-fors kellhom jagħmlu dan, kienet x'kienet ir-rieda tar-rikorrenti f'dak il-punt. Ma rriżultax maltrattament fl-eżekuzzjoni tal-ordni imsemmija; naturalment *una volta* r-rikorrenti rreżistiet lill-Pulizija, kellha tintuża forza raġonevoli u ma jirriżultax li kien hemm eċċess ta' forza. Trattament inuman ġie deskritt mill-allura Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-Bniedem bħala *"such treatment as deliberately causing severe suffering, mental or physical, which in the particular case is unjustifiable*' filwaqt li trattament degradanti, ġie mfisser bħala '*that which is said to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them. This has been also described as involving treatment such as would lead to breaking down the physical or moral resistance of the victim*'. (fl-hekk imsejjaħ **Greek Case**). Dan żgur ma rriżultax f'dawn il-proċeduri.

Illi anke fir-rigward tal-allegazzjoni li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, assolutament ma nġabet ebda prova. Ir-rikorrenti donnhom jimplikaw li

għaliex hawn jgħixu f'Malta diversi persuni Asjatiċi, bilfors saret diskriminazzjoni kontra tagħhom għaliex ir-rikorrenti ġiet imneħħija minn Malta meta huwa naturali li min ikun qed jgħix bi ksur tal-liġi jrid ibati l-konsegwenzi. Dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-fatt li ħaddieħor li jkun qed jimxi skond il-liġi ma jbatix dawk il-konsegwenzi.

Illi kif ġja' ngħad is-sitwazzjoni tar-rikorrenti llum hija differenti għaliex jidher li qed tgħix ma' żewġha u għalhekk għandu jkollha l-istess opportunitajiet li jkollhom persuni oħra fil-pożizzjoni tagħha. Kwindi għandha dritt li jkollha l-passaport – u jidher illi dan huwa fil-pussess tagħha għaliex ivvjaġġat lura lejn pajjiżna. Biss jekk dan mhux għandha, għandu jingħatalha lura.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad l-ewwel u r-raba' talbiet tar-rikorrenti; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba minħabba li l-kwistjoni issa hija sorvolata, u f'kaz li l-passaport mhux fil-pussess tar-rikorrenti, tilqa' t-tieni talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża a kariku tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------